# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Magistrat
## Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.

## Rikors Nru.: 90/2016

## S.A. Sales Limited (C55182)
## Vs
## Customs and Freight Agency Limited (C17475)

**Illum, 30 ta' April 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mis-socjeta` S.A. Sales Limited fir-Registru ta' din il-Qorti, fit-3 ta' Mejju, 2016 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' sitt elef, sitt mija u sebgha u tmenin Ewro u ghaxar centezmi (€6687.10) jew ammont iehor verjuri rapprezentanti hlas indebitu maghmul mis-socjeta' rikorrenti lill-intimati.

Dawn il-pagamenti kienu jsiru billi f'kull invoice mibghuta mis-socjeta' intimata lis-socjeta' rikorrenti kien jigi nkluz *charge* ta' €23.30 hlas lil MMA, liema hlasijiet

kienu indebiti u ma kinux inkorsi mis-socjeta' intimate. Ghaldaqstant ghandhom jigu rifuzi lis-socjeta' esponenti, stante li mhumiex dovuti.

Bl-ispejjez inkluzi ta' l-ittra ufficjali (166A) numru 285/16 kontra s-socjeta' intimata li minn issa hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tas-socjeta' intimata Customs and Freight Agency Limited (C17457) minnha pprezentata fis-27 ta' Mejju, 2016 fejn gie eccepit:-

*Illi t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti ragunijiet:*

1. *Illi fl-ewwel lok is-socjeta' attrici ghandha tghid fuq liema Artikolu tal-Ligi qed tibbaza l-azzjoni taghha.*
2. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-Artikolu 1027 tal-Kap. 16.*
3. *Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-inoices li nhargu saru skond rati maqbula bejn il-partijiet.*
4. *Illi hija s-socjeta' intimata illi hija l-kreditrici tas-socjeta' attrici, u dan skond ma dedott fil-kawza Customs and Freight vs S.A. Sales (Talba Nru.: 97/2016 VG).*
5. *Illi ma hemm l-ebda lok illi s-socjeta' attrici titlob ir-rifuzjoni minghand is-socjeta' intimata stante illi hi ma effettwat l-ebda pagament zbaljat.*
6. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Ghaldaqstant in vista tas-suespost, it-talba tas-socjeta' attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta`."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef u dan b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat illi fl-udjenza tat-28 ta' Gunju 2016, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi stante t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar il-preskrizzjoni tal-azzjoni attrici;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li xehdu quddiem il-Qorti diversament preseduta;

Rat id-dokumenti esebiti u l-provi kollha migjuba mill-partijiet;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` attrici fl-14 ta' Novembru 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ipprezentata mis-socjeta` konvenuta fl-udjenza tas-17 ta' Jannar 2019;

Semghet it-trattazzjoni finali;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

**<u>Provi</u>**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tas-segwenti provi:-

It-testimonjanza ta' **Kevin Attard**, li xehed fl-udjenzi tat-22 ta' Settembru 2016, 24 ta' Mejju 2017 u 10 ta' April 2018, kif ukoll tat-testimonjanza ta' **Antoine Agius**, li xehed fl-udjenzi tal-15 ta' Frar 2017 u tal-10 ta' April 2018;

It-testimonjanza ta' **Odette Vella, Marianne Pulis u Saviour Agius** bid-dokumenti relattivi esebiti, liema xiehda lkoll xehdu fil-kawza fl-ismijiet **Kevin Attard pro et noe vs S.A. Sales Limited** (Rikors Numru 228/2016) li lkoll xehdu fit-18 ta' Ottubru 2017, liema xhieda giet inserita fl-atti ta' din il-kawza in segwitu ghal digriet moghti fl-10 ta' Jannar 2018;

Zewg *statements* ta' *invoices* immarkati bhala Dok. SA1 u SA2[1], esebiti mis-socjeta` attrici b'nota datata 4 ta' Novembru 2016;

Kopja tas-sentenza moghtija mit-Tribunal ghal Talbiet Zghar fit-8 ta' Frar 2017 fl-ismijiet **Customs & Freight Agency Limited vs S.A. Sales Limited** u traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Dr. Robert Vassallo fl-atti tal-istess Talba fit-23 ta' Novembru 2016;

Ikkunsidrat;

**<u>L-Ewwel Eccezzjoni</u>**

Ghalkemm ma jirrizultax mill-atti illi is-socjeta` attrici, in segwitu ghall-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, indikat l-Artikolu tal-ligi li fuqu hija bbazata l-azzjoni odjerna, ghall-Qorti huwa evidenti li din hija azzjoni *indebiti solutio* imsejsa fuq l-Artikoli 1021 u 1022 tal-Kodici Civili.

Is-socjeta` attrici qieghda tallega illi filwaqt li kien hemm relazzjoni kuntrattwali bejn iz-zewg socjetajiet fejn is-socjeta` konvenuta kienet twettaq servizzi ta' *freight forwarding* u *customs clearance* tal-merkanzija importata mis-socjeta` attrici gewwa Malta, hija hallset b'mod regolari u fuq medda ta' kwazi sentejn, tariffa fis-somma ta' €23.30 "MMA", imposta mis-socjeta` konvenuta fil-kontijiet mibghuta lilha. Issostni

[1] A fol. 14 sa 35.

illi hija hallset din it-tariffa minghajr ma kienet taf illi din kienet originarjament dovuta lill-Malta Maritime Authority [hawn iktar 'l isfel imsejha "MMA"] liema entita`, madanakollu, kienet spiccat tezisti diversi snin qabel. Tikkontendi illi l-hlas ta' din it-tariffa sar indebitament u bi zball ghaliex is-socjeta` konvenuta baqghet timponiha fil-kontijiet taghha minkejja li ma kien ghad hemm ebda tariffa dovuta lill-Malta Maritime Authority, u hi, inkonsapevolment, kienet temmen li huwa hlas li kien dovut. Is-socjeta` attrici fethet din il-kawza sabiex titlob ir-rifuzjoni tal-hlas kollu li hija tghid li hallset indebitament lis-socjeta` konvenuta, in linea ta' din it-tariffa.

Ikkunsidrat;

L-azzjoni *indebiti solutio* hija mahsuba biex kull min jircievi sew xjentament jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili u lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li minn ghandu jkun irceviha bla jedd[2]. Inoltre kull min billi jahseb, bi zball, li hu debitur ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur[3]. L-oggett ta' din l-azzjoni hija r-restituzzjoni tal-hlas indebitu, cioe` ta' dak li gie mhallas meta fil-verita`, ma kellux jinghata.

Kif gie ritenut in materja[4], il-ligi taght din l-azzjoni ghar-radd tal-hlas mhux misthoqq issib applikazzjoni:-

*"... mhux biss meta kull ma thallas ma kienx misthoqq izda wkoll ghalkemm, meta hemm xi hlas ikun misthoqq, ikun thallas zejjed illi kien misthoqq u jekk jigri hekk min hallas jista' jfittex ghar-radd ta' zejjed imhallas*".

Intqal ukoll in propositu illi:-

[2] Artikolu 1021 tal-Kodici Civili.

[3] Artikolu 1022(1) tal-Kodici Civili.

[4] **Anton Azzopardi noe et vs Lawrence Ciantar et noe**, deciza mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April 1998.

"*id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li huwa hallas bhala indebitu hu fondat fuq il-principju kbir ta' ekwita' li ma tippermettix li wiehed jirrikixxi ruhu b'dannu ta' ghajru*".[5]

Il-Qorti tifhem illi l-fattispecje ta' dan il-kaz, kif impostati mis-socjeta` attrici, jinkwadraw perfettament fil-parametri tal-azzjoni *indebiti solutio*, billi fir-Rikors promotur is-socjeta` attrici fissret id-domanda taghha ghar-rifuzjoni tas-somma mitluba, kjarament bhala hlas indebitu maghmul minnha lis-socjeta` konvenuta, konsistenti f'"*charge* ta' €23.30 "MMA", liema hlasijiet hija tghid li *"ma kienux inkorsi mis-socjeta` intimata*". B'hekk tqis bhala sorvolata l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta li, f'kull kaz tirrikonoxxi illi effettivament il-bazi tal-azzjoni odjerna hija l-*indebiti solutio* billi eccepiet permezz tat-tieni eccezzjoni taghha, il-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat;

**<u>I. Eccezzjoni tal-Preskrizzjoni</u>**

Bit-tieni eccezzjoni taghha, is-socjeta` konvenuta teccepxxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jistipola hekk:-

**1027.** *L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni, taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball.*

[5] **Joseph Rossi vs Victor Cilia et** deciza nhar il-11 ta' Marzu 1970 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili

Kif diga` ntqal, is-socjeta` attrici f'din il-kawza kienet klienta tas-socjeta` konvenuta. Mill-atti jirrizulta illi s-socjeta` attrici qieghda titlob ir-rifuzjoni tas-somma ta' €6,687.10 li hija tallega li hallset indebitament lis-socjeta` konvenuta ghal servizzi konnessi mal-*clearance* tal-containers tal-merkanzija minnha importati. Mill-atti jirrizulta illi dan ic-charge giet imposta f'diversi invoices mahrugin bejn is-6 ta' Jannar 2014 u t-13 ta' Ottubru 2015, skont kif jirrizulta mill-lista ta' invoices esebita in atti u immarkata Dok SA1 u Dok. SA2.

Minn ezami tal-Artikolu 1027 fuq citat, jirrizulta illi biex jintalab lura dak li jkun inghata minghajr ma kien imiss, il-perjodu preskrittiv huwa ta' **sentejn minn dakinhar illi dak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-izball**, meta ma tkunx waqghet bil-preskrizzjoni bis-sahha tad-dispozizzjonijiet migjuba taht it-titolu dwar il-preskrizzjoni. Il-Qorti hija konxja tal-insenjament, ormai stabbilit, illi l-azzjoni ghar-rifuzjoni tal-hlas indebitu hija distinta mill-azzjoni li ghandha bhala oggett taghha talba ghall-hlas ta' kreditu, stante illi fl-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' indebitu, l-oggett mhuwiex il-kreditu kontemplat fid-dispozizzonijiet tal-ligi dwar il-preskrizzjonijiet qosra, izda ir-rivendikazzjoni ta' dak imhallas meta ma kellux jinghata[6].

F'kull kaz, ma jirrizultax illi gie vantat perijodu ta' preskrizzjoni ohra minn xi wahda mill-partijiet f'din il-kawza, u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi ghalkemm il-hlasijiet effettwati mis-socjeta` attrici kienu saru in bazi ghar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejn il-partijiet, huwa evidenti li l-fondament tal-azzjoni odjerna huwa l-arrikiment indebitu li qed jigi allegat li sar mis-socjeta` konvenuta a skapitu ta' dik attrici, b'konsegwenza ta' zball. Konformement, il-preskrizzjoni eccepita mis-socjeta` konvenuta a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kapitolu 16 hija tabilhaqq dik applikabbli, b'dan illi l-azzjoni odjerna hija preskrivibbli b'sentejn minn meta jinkixef l-izball.

---

[6] Ara fir-rigward **Camel Brand Company Limited v. Worldwide Import and Export Company Limited**, deciza mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fit-22 ta' Mejju 2009.

Ikkunsidrat;

Stabbilit illi l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' sentejn, jehtieg illi jigi determinat minn meta ghandu jitqies li beda jiddekorri l-perijodu preskrittiv in kwistjoni. Il-ligi hija cara fir-rigward u tistipola illi z-zmien ghall-preskrizzjoni jibda jghaddi minn dak inhar li dak li lilu jmiss l-azzjoni, jikxef l-izball. Huwa wkoll assodat fil-gurisprudenza in materja illi z-zmien relattiv ghandu jitqies li jibda jghaddi hekk kif fattwalment jinkixef l-izball dwar l-ammont imhallas, u mhux minn meta l-izball seta' jinkixef[7].

Fil-kaz in ezami jirrizulta minn Dok. SA1 u Dok. SA2 li s-socjeta` attrici qieghda tirreklama r-rifuzjoni ta' dawk il-pagamenti li ghamlet bejn Jannar 2014 u Ottubru 2015. Ghalkemm Antoine Agius, wiehed mid-dirgenti tas-socjeta` attrici, xehed illi r-relazzjoni kummerjcali bejn iz-zewg kumpanniji tmur lura ghas-sena 2012, u mid-dokumenti Dok. SAS[8] jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet ilha thallas ghas-servizzi tas-socjeta` konvenuta sa minn Jannar 2013, huwa evidenti illi s-socjeta` attrici illimitat il-parametri tal-pretensjoni taghha ghar-rifuzjoni tal-hlasijiet maghmula indebitament, ghall-perijodu bejn is-6 ta' Jannar 2014 u t-13 ta' Ottubru 2015.

Antoine Agius xehed illi huwa skopra illi s-socjeta` konvenuta kienet qed taghmel hlas indebitu ghall-habta ta' **Ottubru 2016**, izda ghall-Qorti huwa evidenti li l-indikazzjoni tas-sena 2016 saret erronjament ghaliex il-kawza odjerna, bit-talba ghar-rifuzjoni tal-hlas indebitu, giet istitwita **f'Mejju tal-2016**. Il-Qorti hija ghalhekk propensa illi tqis li l-indikazzjoni tas-sena 2016 hija rizultat ta' zball tipografiku u illi x-xhud kien qieghed effettivament jirreferi ghal **Ottubru 2015**: wara kollox, jirrizulta

[7] Ara **Edward V. Spiteri vs Francis A. Falzon**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell, sede Kummercjali, fit-3 ta' Frar, 1958

[8] Dan id-dokument jelenka l-pagamenti kollha li saru lis-socjeta` konvenuta – vide xhieda Saviour Agius, seduta 15 ta' Novembru 2017 fil-kawza Rikors 228/2016.

mill-istatement of account Dok. SA2 li l-ahhar hlas li sar lis-socjeta` konvenuta rapprezentanti t-tariffa kontestata ("MMA"), kien fit-**13 ta' Ottubru 2015**.

Antoine Agius spjega illi dan l-izball gie mikxuf meta darba minnhom, waqt li kien qed jara l-karti, giet f'idejh:-

"*... karta invoice MMA. Jiena staqsejt lill-iskrivana tieghi biex tindaga dwar din l-istess invoice mal-ufficcju tas-Sur Attard*"

Izda jghid illi ghalkemm ipprova jikkuntattja lil Kevin Attard bit-telefon, huwa gie informat minn impjegata tieghu illi kien difficli biex huwa jkellem lil Kevin Attard, u jghid illi rnexxilu jkellmu biss wara li mar jistennih u rah diehel fl-ufficcju tieghu l-Imriehel. Huwa xehed li Kevin Attard ma hax pjacir li huwa cempillu biex jistaqsih dwar l-invoice u fisser hekk dak li gara f'dik l-okkazzjoni:-

"*Naf li effettivament dakinhar li kien gie, kien zbalordit. Staqsejtu x'kien gara u qalli li ma hax pjacir li jiena cempilt biex insaqsih dwar din l-invoice ... Jiena ma xtaqx inkompli nhallas it-twenty three Euros zejda lil MMA meta din is-socjeta` ma kinitx tezisti. ... Fil-fatt naf li Kevin Attard beda jghajjat u jghid li kien ha jsallabni. Imbaghad ghidtlu ghalfejn kien qed jaghmilli hekk u insista mieghi li ha jsallabni zgur. Fil-fatt sahansitra ta bil-ponn fuq il-bank waqt li konna qed nitkellmu. ...Nghid illi minkejja li s-Sur Attard talbtu spjegazzjoni ghal din ic-charge ta' twenty three euro thirty ma taghnix spjegazzjoni. Qalli biss li se jsallabni. Ghalija r-rabja li kellu s-Sur Attard kienet wahda profonda.*"[9]

Minn dan kollu, partikolarment mill-fatt illi, kif stabbilit anke fis-sentenza tat-Tribunal ghal Talbiet Zghar moghtija fit-8 ta' Frar 2017 fil-kawza bejn l-istess zewg partijiet[10],

[9] Seduta 15 ta' Frar 2017.

[10] Talba Numru 97/16, **Customs & Freight Agency Limited vs S.A. Sales Limited.**

l-ahhar invoice mahrug lis-socjeta` SA Sales Limited huwa datat 13 ta' Ottubru 2015[11] (liema invoice ma thallsitx tant illi s-socjeta` konvenuta kellha tipprocedi b'dik il-kawza biex tikseb il-hlas), il-Qorti fehmet illi r-relazzjonijiet bejn dawn iz-zewg kumpanniji spiccaw ghal kollox f'Ottubru 2015 u dan meta d-dirigent tas-socjeta` konvenuta kkonfronta lil Kevin Attard dwar il-hlas tat-tariffa MMA. Jirrizulta illi kienet effettivament din il-konfrontazzjoni illi pprovokat ir-rejazzjoni deskritta fil-bran mix-xhieda ta' Antoine Agius, appena citata.

Il-Qorti qieset sew ix-xhieda tal-partijiet, u tosserva illi fit-testimonjanza tieghu, Kevin Attard mhux talli baqa' qatt ma nnega li huwa gie konfrontat minn Antoine Agius dwar il-hlasijiet tat-tariffa MMA, talli fix-xhieda tieghu huwa kkonferma illi r-rejazzjoni tieghu meta gie hekk konfontat kienet tabilhaqq ta' rabja:-

"*Nixtieq nghid li verament jiena kont irrabjat peress illi kont hrigt ghonqi ghas-Sur Agius .... Jiena kont aggressiv mieghu ghaliex effettivament qalli: "Jekk jinzel hu kont. Kont se ninzel jien mieghu.*"[12]

Il-Qorti tosserva wkoll illi fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi s-socjeta` attrici messha kienet ilha taf illi l-Malta Maritime Authority ilha ma tezisti sa minn Jannar 2010 u tghid illi mhux verosimili illi kien biss fis-sena 2016 li skopriet illi l-hlas mhux dovut. Kif diga` stabbilit, mill-provi jirrizulta illi s-socjeta` attrici kienet bdiet tinqeda bis-servizzi tas-socjeta` konvenuta ghall-habta tas-sena 2013 u ghalkemm fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-istess socjeta` konvenuta tallega li l-hlas ta' din it-tariffa kien ilu jsir mill-2010, din l-allegazzjoni baqghet mhux sorretta u ma tressqet ebda prova li tikkuntrasta x-xhieda ta' Antoine Agius jew

[11] Dan il-fatt ma giex kontestat mis-socjeta` konvenuta.

[12] Seduta 10 ta' April 2018.

ir-rizultanzi ta' Dok. SAS. Effettivament, ma hemm assolutament xejn fl-atti processwali ta' din il-kawza li juri li l-hlas ta' din it-tariffa kienet ilha ssir mis-sena 2010, kif gie allegat mis-socjeta` konvenuta. Anke jekk huwa minnu illi, kif allegat, kien hemm relazzjoni kummercjali ezistenti bejn is-socjeta` konvenuta u socjeta` ohra bl-istess diretturi li llum jirrapprezentaw lis-socjeta` attrici S.A. Sales Limited, u l-hlas tat-tariffa MMA fis-somma ta' €23.30 kienet qabel issir minn dik il-kumpannija l-ohra, fl-atti ma jirrizulta xejn minn dan.

F'kull kaz, il-Qorti tirribadixxi illi l-mument determinanti biex jigi stabbilit meta ghandu jibda jiddekorri l-perijodu preskrittiv ta' sentejn, huwa l-mument meta inkixef l-izball, **u mhux meta seta' jinkixef l-izball**. Is-socjeta` konvenuta taghmel hafna asserzjonijiet dwar meta seta' inkixef l-izball dwar il-hlas da parti tas-socjeta` attrici, izda naqset b'mod lampanti illi tissostanzjahom bil-provi. Lanqas l-allegazzjoni illi Antoine Agius kien japprova l-pagamenti tal-invoices huwa stess, ma hija bizzejjed biex issir il-prova li del resto hija inkombenti fuq min jeccepixxi l-preskrizzjoni, tal-mument meta jibda jghaddi z-zmien ghall-preskrizzjoni. Wara kollox, id-dikjarazzjoni ta' Antoine Agius illi huwa kien jafda lil Kevin Attard b'ghajnejh maghluqin, mhux talli ma gietx kontrastata, talli Kevin Attard innifsu kkonferma illi huwa kien jaghti "*... iktar mis-servizz dovut lis-Sur Agius u dan ghaliex ma kienx klijent kwalunkwe*", tant illi kien hemm perijodu ta' zmien fejn is-socjeta` konvenuta kienet thallas hija stess it-taxxi u dazji fl-interess tas-socjeta` konvenuta u mbaghad tigi rifuza fuq l-invoice. Mill-ezami tal-atti l-Qorti wkoll fehmet illi kien hemm tabilhaqq certu rapport ta' hbiberija bejn Kevin Attard u Antoine Agius, li wassal ghal fiducja shiha da parti ta' dan tal-ahhar fid-direttur tas-socjeta` attrici.

Ferm il-premess, il-Qorti tqis illi gie ppruvat sodisfacjentement illi s-socjeta` attrici skopriet li kienet qed thallas tariffa b'mod allegatament indebitu, f'Ottubru 2015. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-3 ta' Mejju 2016, jigifieri entro t-terminu ta' sentejn

preskritt taht l-Artikolu 1027 tal-imsemmi Kodici Civili, cioe` minn meta gie skopert l-izball.

In konkluzjoni, il-Qorti tosserva illi anke jekk il-hlasijiet reklamati minn min jallega li ghamel hlas indebitu, imorru lura iktar minn sentejn qabel jigu istitwiti l-proceduri ghar-restituzzjoni tal-hlas maghmul indebitament, dawn ma jigux kolpiti mill-preskrizzjoni kemm il-darba l-azzjoni ghar-restituzzjoni tigi istitwita entro sentejn mid-data li jinkixef l-izball, stante illi l-mument determinanti huwa meta jinkixef l-izball **u mhux meta effettivament saru l-hlasijiet indebiti**.

Ghaldaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hija infondata u qed tigi respinta.

Ikkunsidrat;

**Il-Mertu**

Illi fil-mertu, it-tezi tas-socjeta` konvenuta hi, in sostanza, illi l-ammonti addebitati lis-socjeta` attrici fl-invoices mibghuta lilha, jirrapprezentaw rati maqbula bejn il-partijiet u konsegwentement, ma seta' kien hemm ebda zball fil-pagamenti li saru mis-socjeta` attrici.

Il-Qorti tibda billi tosserva, izda, illi l-verzjoni tas-socjeta` konvenuta dwar meta u f'liema cirkostanzi bdiet timponi l-hlas tat-tariffa in kwistjoni, la hija cara u lanqas konsistenti:-

- Kevin Attard jibda billi jispjega illi l-Malta Maritime Authority kienet timponi taxxa ossia *charge* fis-somma ta' €23.30, izda meta giet imwaqqfa l-entita`

maghrufa bhala Transport Malta, l-MMA ma baghetx tezisti u din it-tariffa li kienet timponi, ma baqghetx tkun dovuta minn Transport Malta anke ghaliex il-maggor parti tal-merkanzija importata bdiet tidhol il-Freeport. Ikompli jfisser illi ghalkemm l-MMA spiccat, din ic-*charge* baqghet tidher fis-sistema kompjuterizzata tas-socjeta` konvenuta u baqghet tigi imposta fl-invoices izda issa bdiet tissejjah *More Miscellaneous Administration charge* minflok Malta Maritime Authority. Kevin Attard xehed hekk fir-rigward:-

"*Dan ic-charge ta' 23.30 euro baqa' hemm biex ikopri dawn ic-charges zghar, l-ispejjez zghar.*"

- Izda sussegwentement, Kevin Attard meta xehed in kontro-ezami[13], filwaqt li issa ma baqax jirreferi ghal din it-tariffa bhala *More Miscellaneous Administration charge*, izda bhala "*miscellaneous management administration fees*", qal illi din bdiet tigi imposta fil-kontijiet ta' S.A. Sales Limited fis-sena 2014 u dan, allegatament bi ftehim ma' Antoine Agius. L-istess Kevin Attard qal illi din ic-*charge* bdiet tigi imposta ghaliex il-kumpannija tieghu kienet tippresta diversi servizzi lis-socjeta` attrici S.A. Sales Limited, fosthom tiehu hsieb tipprocessa d-dokumenti mid-dwana, tagixxi direttament mas-*suppliers* tas-socjeta` attrici kif ukoll tiehu hsieb tigbor id-dokumentazzjoni originali mid-Dwana. Madanakollu, mistoqsi in kontro-ezami jekk qabel gie biex jibda jimponi din ic-*charge* fil-kontijiet tas-socjeta` attrici, kienx jaghti l-istess servizz, huwa wiegeb hekk:-

"*... iva kont naghti dan is-servizz minn dejjem pero` fuq livell differenti. Nghid illi ghall-ewwel is-Sur Agius kien jimpporta xi tliet containers fix-xahar pero`*

[13] Seduta tal-24 ta' Mejju 2017.

*mbaghad ix-xoghol tieghu zdied bl-ghajnuna tieghi u fil-fatt kwazi kwazi beda jimporta container kuljum.*"[14]

Is-socjeta` konvenuta, in sostenn ta' din it-tieni verzjoni li taghti biex tfisser x'tirrapprezenta t-tariffa in kwistjoni, esebiet *email* mibghut lil Antoine Agius fis-27 ta' Ottubru 2014, u fissret illi kien in segwitu jew abbazi ta' dan l-iskambju ta' korrispondenza, illi ntlahaq ftehim li ser tibda tigi imposta *charge* ghal xoghol amministrattiv. Il-Qorti tosserva illi din il-verzjoni giet michuda katergorikament minn Antoine Agius illi xehed li Kevin Attard fl-ebda mument wara li ntbaghat l-email tas-27 ta' Ottubru 2014, ma semma "*… l-kelma MMA. Lanqas ma qalli li kien se jiccargjani ta' servizz amministrattiv.*"[15]

Ikkunsidrat;

Kif rajna, is-socjeta` konvenuta tibda billi tipprova tiggustifika t-tariffa indikata bhala MMA, bhala *charge* li giet introdotta wara li l-entita` Malta Maritime Authority ma baqghetx tezisti, u dan sabiex taghmel tajjeb ghall-ammont sostanzjali ta' amministrazzjoni li jinvolvi n-negozju taghha, cioe` l-garr u *clearance* ta' merkanzija importata gewwa Malta. Effettivament, fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghha, is-socjeta` konvenuta tikkontendi illi din it-tariffa kienet dovuta "*proprju minhabba l-ammont sostanzjali ta' amministrazzjoni li kien qed jinvolvi l-garr tal-merkanzija li twettaq is-socjeta` esponenti.*"

[14] Xhieda 24 ta' Mejju 2017.

[15] Xhieda 10 ta' April 2018.

Izda, il-Qorti tqis illi dan l-argument huwa bla siwi: ma tressqet l-ebda prova biex tissostanzja l-allegazzjoni li, wara illi l-Malta Maritime Authority spiccat tezisti bhala entita` fl-1 ta' Jannar 2010[16], kien hemm xi *charges* jew spejjez li ma kienux effettivament qed jigu koperti bil-hlas regolari li kien jigi reklamat ghas-servizzi prestati mis-socjeta` konvenuta. Filwaqt li jirrizulta illi s-socjeta` konvenuta lanqas irnexxiela turi illi S.A Sales Limited kienet ilha taghmel uzu mis-servizzi taghha u thallas din it-tariffa sa mill-2010, Kevin Attard kien car bizzejjed meta qal illi s-socjeta` konvenuta dejjem kienet tithallas ghas-servizzi amministrattivi fosthom il-processar ta' dokumentazzjoni tax-xoghol importat. Hu kien xehed hekk fir-rigward:-

"*...naturalment kellna wkoll il-procedura normali li konna nkunu mhallsa ghalieh biex nigbru d-dokumentazzjoni mid-Dwana.*"[17]

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi fiha nnifisha, l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta li meta spiccat it-tariffa tal-MMA inhasset il-htiega li jibdew jigu ccargjati spejjez amministrattivi zejda biex ikopru "charges zghar", ma hijiex konsistenti ma' dak li fisser Kevin Attard meta xehed fir-rigward u qal hekk:-

"*Mistqosi x'naf dwar il-Malta Maritime Authority kienet tipprovdi speci ta' taxxa fl-ammont ta' twenty three Euro thirty cents u meta l-MMA spiccat u giet illum ghandha Transport Malta,* ***din ic-charge baqghet hemm****. Internament fl-ufficcju taghna din ic-chrage gie indikata bhala MMA wkoll bhala More Miscellaneous Administration charge.*" [Enfasi tal-Qorti]

[16] Ara fol. 52.

[17] Seduta tal-24 ta' Mejju 2017.

Il-Qorti mhjiex konvinta bil-verzjoni illi s-socjeta` konvenuta hasset il-htiega li tibda tinzamm *charge* amministrattiva biex taghmel tajjeb ghas-servizzi amministrattivi li tipprovdi, **proprju fl-istess zmien li spiccat l-MMA**. Il-fatt illi c-*charge* li qabel kienet dovuta lill-MMA baqghet fis-sistema kompjuterizzata tas-socjeta` konvenuta minghajr ebda varjazzjoni kwalunkwe, u minghajr ebda prova illi l-klient gie infurmat dwar it-tibdil fin-natura ta' din ic-*charge*, tnaqqas sostanzjalment il-kredibbilita` ta' din il-verzjoni. Minflok, il-Qorti tqis illi dak li effettivament ghamlet is-socjeta` konvenuta kien illi approfittat ruhha mis-sitwazzjoni fejn it-tariffa precedentement imposta minn u mhallsa lill-Malta Maritime Authority ma baqghetx tezisti, u kompliet timponi din ic-charge fis-sistema kompjuterizzata taghha, izda bhala tariffa pagabbli lilha. Effettivament, ma tressqet ebda prova kwlasiasi biex jintwera konvincentement f'hiex jikkonsistu dawn l-allegati "*charges zghar, l-ispejjez zghar*" li accenna ghalihom Kevin Attard fix-xhieda tieghu, u lanqas intwera kif kellha tkun dovuta *service charge* addizzjonali b'zieda mal-hlasijiet ordinarjament imposti u percepiti mis-socjeta` konvenuta ghas-servizzi minnha prestati.

Ghaldaqstant, din l-ewwel verzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta ma tikkonvincix lill-Qorti li l-hlasijiet minnha percepiti fis-somma ta' €23.30 f'kull invoice, kienu dovuti.

Ikkunsidrat;

Kif rajna, is-socjeta` konvenuta vantat verzjoni ulterjuri biex tiggustifika l-hlas minnha percepit in linea tat-tariffa "MMA" li giet imposta fl-invoices mibghuta lis-socjeta` attrici: hija tallega illi din it-tariffa bdiet tigi imposta ghall-habta tas-sena

2014 minhabba zieda fil-volum tax-xoghol importat mis-socjeta` konvenuta u kwindi, zieda fix-xoghol amministrattiv involut[18].

Filwaqt illi m'huwiex kontestat illi s-socjeta` konvenuta kienet tippresta diversi servizzi amministrattivi in konnessjoni mal-processar tal-containers bil-merkanzija importata mis-socjeta` attrici, il-Qorti ma hija konvinta xejn illi s-socjeta` attrici kienet avzata, wisq anqas accettat, illi tigi imposta *charge* gdida minhabba z-zieda tal-volum tax-xoghol importat minnha. Fil-fehma tal-Qorti, huwa manifest illi l-komunikazzjoni li saret bil-posta elettronika esebita a fol. 59 *et seq.*[19], ma taghmel ebda accenn ghall-charges intestati "*MMA*", u lanqas ma huwa indikat f'dan l-*email* illi sejrin jibdew ikunu dovuti tariffi godda gew ulterjuri lis-socjeta` konvenuta in linea ta' servizzi amministrattivi prestati minnha. Dan effettivament gie konfermat minn Kevin Attard innifsu meta xehed hekk in kontro-ezami fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2017:-

"*Naqblu wkoll illi f'din l-istess email m'hemm l-ebda referenza ghal charge li ahna konna naghmlu ghal twenty three Euro. Fil-fatt nghid li m'hemm l-ebda referenza ghal xi charge iehor*".

Il-Qorti tosserva illi effettivament, l-uniku avviz li sar f'din l-imsemmija korrispondenza huwa illi s-socjeta` konvenuta ma kienetx sejra tkompli iktar tohrog il-flus minn butha biex thallas it-taxxi u dazji ghan-nom tal-klient taghha, izda kienet sejra tesigi li tibda tigbor il-hlas minn qabel, u xejn iktar. Il-Qorti hija ghalhekk prospensa illi tqis bhala verosimili l-verzjoni ta' Antoine Agius, meta huwa fisser kif l-unika diskussjoni li kienet saret u l-uniku ftehim gdid li kien intlahaq bejn il-partijiet dwar tibdil fis-sistema ta' hlasijiet dovuti lis-socjeta` konvenuta, kien fis-sens illi din

[18] Kontro-ezami ta' Kevin Attard fl-24 ta' Mejju 2017.

[19] Datata 27 ta' Ottubru 2014.

riedet tibda jkollha f'idejha minn qabel il-flus dovuti ghall-hlas tat-taxxi u dazji tad-dwana u spejjez ohrajn konnessi mal-importazzjoni tal-kontejners tas-socjeta` attrici, u dan minhabba illi l-volum tan-negozju mill-istess socjeta` kien zdied sostanzjalment. Infatti, kif xehed Antoine Agius[20], is-socjeta` attrici kienet qablet li tghaddi lis-socjeta` konvenuta dawn il-fondi necessarji minn qabel biex jithallsu dawn l-ispejjez, izda ma jirrizultax illi hija qablet li thallas charges ulterjuri, inkluz *charge* intestata "MMA".

Lanqas ma hija f'lokha s-sottomissjoni li saret mis-socjeta` konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, fis-sens illi permezz tal-imsemmi *e-mail* (datat 27 ta' Novembru 2014), "*ingibdet l-attenzjoni lejn il-hlas u l-proceduri adoperati da parti tas-socjeta` esponenti u kkonfermat il-fatt li dan c-charge ser jibqa' ghaddej*.". Huwa ovvju li fl-imsemmi *e-mail* ma saret ebda referenza mis-socjeta` konvenuta ghal xi *charges* ohrajn dovuti lilha, hlief sabiex jigi konfermat illi kienet sejra tibqa' thallas hija stess l-ispejjez l-ohra (eskluz taxxa, VAT u freight) u mbaghad titlob rifuzjoni taghhom minghand il-klient skont il-procedura minn dejjem adoperata minnha. Effettivament, intqal hekk f'dan l-*e-mail*:-

"*All other charges, **can still be paid by Customs and Freight Agency Limited** and the procedure will remain the same*". [Enfasi tal-Qorti]

Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi din id-dikjarazzjoni saret fil-kuntest ta' dak li kien appena indikat fl-istess *e-mail*, cioe` illi s-socjeta` konvenuta ma kienetx ser tibqa' thallas spejjez ta' freight, VAT u taxxa. Konsegwentement, is-socjeta` konvenuta hija zbaljata meta ssostni li f'dan l-*e-mail* illi c-*charges* solitament dovuti lis-socjeta` konvenuta kienu ser jibqghu "*in vigore*"; wisq anqas huwa minnu illi in

[20] Xhieda 10 ta' April 2018, fol 73.

segwitu ghal dan l-*e-mail* kien hemm xi ratifika da parti tas-socjeta` attrici tac-*charges* reklamati mis-socjeta` konvenuta.

Il-Qorti tosserva wkoll illi hawnhekk, is-socjeta` konvenuta qieghda tallega illi c-charge ta' €23.30 li qabel kienet tithallas lill-MMA ghas-servizzi taghha, bdiet tigi reklamata bhala hlas ghal servizzi ulterjuri minnha prestati. Izda kif diga` rajna, Kevin Attard kien car meta xehed **inizzjalment** illi din l-*entry* fl-invoices kienet intiza biex tkopri "*l-ispejjez zghar.*" Anke kieku kellu jigi koncess illi s-socjeta` konvenuta bdiet tippresta servizzi ulterjuri li minnhom ibbenefikat is-socjeta` attrici (dan ma giex pruvat lanqas), il-Qorti tqis illi fi kwalunwe kaz, huwa evidenti illi is-socjeta` konvenuta baqghet ma pprovatx sodisfacjentement illi hija gharrfet lill-klienta taghha illi kienet qed tippresta iktar servizzi li ghalihom riedet tirreklama prezz mizjud, wisq anqas irnexxiela tikkonvinci illi kisbet l-accettazzjoni tas-socjeta` attrici fir-rigward.

Wara kollox, kif diga` stabbilit, iz-zieda fil-volum ta' xoghol importat mis-socjeta` attrici jirrizulta li giet indirizzata specifikatament bil-ftehim li jibda jsir il-hlas bil-quddiem mis-socjeta` attrici, tal-ammonti rapprezentanti taxxi u dazji.

Ikkunsidrat;

Mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti ma tistax temmen lis-socjeta` konvenuta meta hija stess lanqas ma taf x'hiex tirrapprezenta din it-tariffa li thallset taghha konsistentement matul perijodu ta' snin. Kif rajna, minn lat wiehed tallega illi din ic-charge ilha tezisti biex tkopri "*spejjez zghar*" minn meta waqfet tezisti l-MMA biex is-sistema kompjuterizzata taghha tibqa' l-istess, u mbaghad fl-istess nifs tghid ukoll illi din ic-charge giet introdotta meta zdied ix-xoghol **tas-socjeta` attrici** u gharrfitha li ser jibda jinzamm din charge zejda. Huwa wkoll evidenti minn dan kollu

illi s-socjeta` konvenuta hija indeciza wkoll jekk it-tariffa hijiex wahda imposta fil-kontijiet tal-klienti taghha kollha jew tas-socjeta` attrici biss.

F'kull kaz, il-Qorti ma tistax twarrab ir-rizultanzi tal-provi f'dan il-kaz illi juru illi effettivament, is-socjeta` konvenuta ma mxietx in buona fede fir-relazzonijiet li kellha mas-socjeta` attrici, u minflok gharrfet lill-klienta taghha dwar it-tibdil fin-natura jew fl-ammont tac-*charges* dovuti, irreklamat il-hlas ta' tariffi li ma kienux ghadhom jezistu, u/jew kompliet taddebita dan il-hlas kontra servizzi jew spejjez li ma sehhilhiex tiggustifikahom. Kif gia` ntqal, l-allegazzjoni tas-socjeta` konvenuta li kien intlahaq xi qbil mas-socjeta` attrici dwar ir-rati minnha reklamati jew biex jigu imposti spejjez amminisrattivi ulterjuri, ma gietx ippruvata u l-Qorti tqis li l-verzjonijiet moghtija minn Kevin Attard, oltre li huma konfliggenti, m'humiex attendibbli bizzejjed biex iwasslu ghall-konkluzjoni li l-hlas maghmul mis-socjeta` attrici ghat-tariffa ta' €23.30 "MMA" ma kienx hlas indebitu izda wiehed li kien effettivament dovut lis-socjeta` konvenuta.

Konformement, mehud qies tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq maghmula, il-Qorti tqis illi l-hlasijiet maghmula mis-socjeta` attrici ghal din it-tariffa, dan ma huma xejn hlief hlasijiet reklamati mis-socjeta` konenuta minghajr ma kienu misthoqqa u dan minghajr il-konsapevolezza tas-socjeta` attrici.

Ikkunsidrat;

Illi s-socjeta` konvenuta tissottometti ulterjorment illi mhux minnu illi s-socjeta` attrici hallset l-ammonti minnha reklamati f'din il-kawza, ghaliex kienet fi zball. Issostni li dan il-kaz ma kienx wiehed ta' zball u b'hekk il-hlas ma jistax jitqies illi kien wiehed indebitu ghall-finijiet ta' azzjoni *indebiti solutio*.

Il-Qorti tibda billi tosserva illi huwa immaterjali l-fatt illi l-hlasijiet in kwistjoni saru fuq medda ta' zmien u mhux darba wahda biss. Din il-konsiderzzjoni hija irrelevanti ghall-fini li jigi determinat jekk il-hlas sarx indebitament o meno. Fir-rigward issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Anna Maria Gauci nomine vs Salvino Farrugia et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fl-24 ta' Gunju 2016, fejn il-hlas li gie ritenut li sar indebitament, kien gie effettwat fuq medda ta' ghaxar snin bejn l-1996 u 2006.

Anke l-osservazzjoni tas-socjeta` konvenuta illi l-hlasijiet li allegatament saru bi zball, dejjem saru bl-approvazzjoni shiha tad-diretturi tas-socjeta` attrici, m'hijiex siewja, ghaliex l-approvazzjoni u anke l-iskrutinju tat-talbiet ghall-hlas *ut sic* ma jeskludux li jista' jsir pagament li mhuwiex dovut. Dak li huwa determinanti huwa l-kostatazzjoni li jkun sar pagament li fil-verita` ma kienx dovut: jew ghaliex it-talba ghall-hlas ma tkunx misthoqqa jew ghaliex il-hlas innifsu jsir meta m'huwiex dovut, **basta illi min ihallas jahseb zbaljatament illi l-ammont huwa dovut**. L-element taz-zball li trid il-ligi ma jippresupponix necessarjament li min jeffettwa l-hlas ikun ha zball fis-sens klassiku tal-kelma meta hallas il-kont, izda jippresupponi **hlas li mhuwiex mistoqq u li jigi maghmul minghajr il-konoxxenza fil-pagatur fil-mument tal-hlas, illi l-pagament ma huwiex effettivament dovut**.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tal-21 ta' Gunju, 2006, fil-kawza fl-ismijiet **GasanMamo Insurance Limited vs Untours Insurance Agents Limited noe**, inghad in propositu illi:-

"*L-azzjoni esperita mis-socjeta` attrici hi dik fondata fuq il-kwazi-kuntratt ta' pagament ta' indebitu ossija dik ta' ripetizzjoni. Azzjoni din cirkoskritta, skont id-dottrina prevalenti, bejn is-solvens, ossija dak li ghamel il-hlas, u l-accipiens ossija dak li rcevih. Ir-rekwiziti taghha huma l-pagament, l-indebitu u l-izball f' min hallas*

*("Maria Bianco -vs- Nutar Paul Pellegrini Petit", Prim' Awla, Qorti Civili, 25 ta' Mejju 1954). Ghaldaqstant "**kull min, billi jahseb bi zball li hu debitur, ihallas dejn, ghandu jedd jitlob il-hlas lura minghand il-kreditur. Fi kliem iehor, jekk wiehed ikun ghamel pagament billi jkun jahseb bi zball li dak il-pagament kien dovut, filwaqt li fil-verita` ma kienx dovut, ghandu dritt jirrepeti mir-ricevent il-haga li jkun hallas**." ("Maria Grech -vs- Filippo Abela", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' April 1961);*

"*Jitnissel minn dan illi "l-fondament ta' l-azzjoni ta' indebitu huwa l-izball f' min ikun hallas; liema zball ma ghandux japprofitta minnu min ikun ircieva l-hlas, skont il-massima ta' gustizzja naturali 'jure naturae aequum est neminem cum alterius detrimento fieri locupletiorem" ("Alfred Tonna et -vs- Carmela Bugeja et", Appell Civili, 8 ta' Frar 1957 u "Frank Schembri -vs- George Scicluna", Appell Civili, 24 ta' Ottubru 1975).*" [Enfasi ta' din il-Qorti]

Fis-sentenza msemmija fil-bran appena citat, fl-ismijiet **Frank Schembri vs George Scicluna**, gie ritenut ghal dak li jikkoncerna l-piz tal-prova, illi:-

"*jekk ma ssirx il-prova ta' dak l-izball fis-solvens u b' mod specjali jekk issir il-prova li dak is-solvens kien jaf bic-cirkostanzi li minhabba fihom hu ma kienx tenut ghall-hlas, allura ma ghandux id-dritt ghar-ripetizzjoni ta' dak li hallas, ghaliex indebitum solutum sciens non recte repetit, u allura f' kaz bhal dan, min ikun hallas ma jkollux ragun jilmenta, u imputet sibi jekk kellu xi dannu*".

Dan l-insenjament gie ribadit f'sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet **Anton Azzopardi et vs Lawrence Ciantar nomine**, li ittrattat din il-materja ta' zball ta' fatt f'azzjoni ta' *indebiti solutio*:-

"*Per farsi luogo alla ripetizione dell'indebito è indispensabile l'errore di chi pagò" (Vol. IX paġna 415). "**L'azione dell'indebito non è ammissibile quando il pagante nell'atto di pagamento sapeva che l'ammontare pagato non era affatto dovuto**" (Vol. XVIII, pt. III, p.146).* [Enfasi ta' din il-Qorti]

Ikkunsidrat;

Il-Qorti, b'applikazzjoni ghall-fattispecje ta' dan il-kaz l-insenjament fuq rapportat, hija tal-fehma illi s-socjeta` attrici sehhilha turi sodisfacjentement li jezistu l-elementi kollha ghas-success tal-azzjoni minnha esperita, u hija konvinta illi f'dan il-kaz jirrizulta abbondantement illi:-

(i) it-tariffa ta' €23.30 MMA maghmul lis-socjeta` konvenuta ma kienetx dovuta lilha (l-indebitu);

(ii) is-socjeta` attrici effettwat dan il-hlas bi zball ghaliex emmnet li l-hlas kien dovut (l-izball), u hekk kif skopriet li t-tariffa kienet qed tigi imposta minghajr gustifikazzjoni, hi minnufih waqfet il-pagament tant illi s-socjeta` konvenuta pprocediet kontriha b'azzjoni ghall-hlas. Tqis ukoll illi dan l-izball huwa wiehed ta' fatt; u

(iii) is-socjeta` attrici effettwat bi zball lis-socjeta` konvenuta, diversi pagamenti fis-somma ta' €23.30 matul il-perijodu bejn Jannar 2014 u Ottubru 2015 (il-pagament).

Konsegwentement, il-Qorti tqis illi t-talba attrici ghar-rifuzjoni ta' dak imhallas indebitament, hija misthoqqa.

Ikkunsidrat;

Sabiex tigi likwidata s-somma komplessiva li giet imhallsa mis-socjeta` attrici lil dik konvenuta indebitament in linea tat-tariffa "MMA", il-Qorti kkunsidrat mhux biss l-invoices li thallsu mis-socjeta` attrici kif indikati f'Dok. SA1 u SA2, izda wkoll il-fatt illi s-socjeta` konvenuta baqghet qatt ma kkontestat illi dawn l-invoices effettivament gew imhallsa. Is-socjeta` attrici indikat bil-kulur isfar fuq l-imsemmija *statements*, kull *entry* fis-somma ta' €23.30 indikat bhala "*MMA*", u dan fil-perijodu bejn is-6 ta' Jannar 2014 u t-13 ta' Ottubru 2015. Jekk saru xi hlasijiet tat-tariffa MMA mis-socjeta` attrici fuq invoices li nhargu qabel is-6 ta' Jannar 2014, ma jidhrix li qieghda titlob ir-restituzzjoni taghhom ghaliex ma tressqet ebda prova ta' hlasijiet oltre dawk li jidhru fid-dokumenti Dok. SA1 u SA2.

Mill-kalkoli li ghamlet il-Qorti abbazi tal-imsemmija *statements* Dok. SA1 u SA2, jirrizulta illi bejn is-6 ta' Jannar 2014 u t-13 ta' Ottubru 2015, is-socjeta` attrici ghamlet mitejn u disgha u sebghin (279) pagament lis-socjeta` konvenuta in linea tat-tariffa MMA, ekwivalenti ghas-somma ta' sitt elef u hames mitt Euro u sebghin centemzu (€6,500.70).

Madanakollu, minn ezami tal-atti il-Qorti fehmet illi l-pagamenti "MMA" li jinsabu indikati fuq Dok. SA2 li saru f'Ottubru 2015, ma gewx effettwati lis-socjeta` konvenuta, ghaliex fis-sentenza moghtija mit-Tribuanl ghal Talbiet Zghar fit-8 ta' Frar 2017[21], gie deciz illi fis-somma reklamata minn Customs & Freight Agency Limited ta' €1,399.01, kien hemm kompriz l-ammonti dovuti ghat-tariffa MMA talanqas fuq l-invoice datat 13 ta' Ottubru 2015. Fil-parti dispozittiva tas-sentenza, li **in propositu tat-tariffi MMA, ukoll iddecidiet illi dawn ma kienux dovuti lis-socjeta` attrici f'dik il-kawza**, inghad hekk:-

"*....bl-imghax minn meta ntbaghatet l-ahhar invoice u cioe` mit-13 ta' Ottubru 2015.*"

[21] Moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Customs & Freight Agency Limited vs S.A Sales Limited**, esebita bhala Dok. SAS4 a fol. 45 *et seq*.

Jirrizulta wkoll mill-imsemmija sentenza illi s-socjeta` S.A. Sales Limited giet ikkundannata thallas lis-socjeta` attrici f'dik il-kawza, is-somma ta' €1,305.81 minflok dik mitluba ta' €1,399.01, u dan wara li tnaqqset is-somma rapprezentanti t-tariffi MMA li t-Tribunal dehrlu li ma kienux dovuti lis-socjeta` attrici. Dan ifisser illi t-Tribunal naqqas mis-somma li effettivament hija dovuta lil Customs & Freight Agency Limited, is-somma komplessiva ta' €93.20, rapprezentanti erba' pagamenti ta' tariffi MMA fis-somma ta' €23.30 kull wiehed[22]. Konsegwentement, ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici f'din il-kawza odjerna, effettivment hallset lis-socjeta` konvenuta din is-somma ta' €93.20 li hija s-somma komplessiva ta' tariffi MMA indikati fuq l-*istatement* a fol. 35 tal-atti[23] u dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somma li ghandha tkun restitwita lis-socjeta` attrici f'din il-kawza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tikkonkludi illi s-socjeta` attrici hallset indebitament lis-socjeta` konvenuta is-somma komplessiva ta' sitt elef erba' mija u sebgha Euro u hamsin centemzu (€6,407.50), liema somma ghandha tigi restitwita lilha bhala hlas indebitu.

**Decide**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta, u tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha minnha sollevati bhala mhux misthoqqa, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta tirrifondi lis-socjeta` attrici s-somma ta' sitt elef erba' mija u sebgha Euro u hamsein centemzu (€6,407.50)**

[22] €23.30 x 4 = €93.20.

[23] Bejn is-6 ta' Ottubru 2015 u t-13 ta' Ottubru 2015.

**rapprezentanti ammont li gie imhallas lilha indebitament, bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess socjeta` konvenuta.**

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat.**